# Postijiet Marbutin mal-Miġja ta' San Pawl f'Malta



Kitba ta' Joe Chetcuti



Id-devozzjoni lejn il-qaddisin f'pajjiżna hi antika ħafna u tmur lura fiż-żmien. Il-Maltin minn dejjem għożżew ir-reliġjon Nisranija, u bla dubju baqgħu jgħożżu wkoll lil dak il-qaddis kbir li ġabilna l-fidi. Id-devozzjoni lejn San Pawl, l-appostlu tal-ġnus, hi kbira ħafna. F'Malta jsiru festi kbar kull sena ad unur dan il-qaddis kbir, l-aktar fil-Belt Valletta, fir-Rabat ta' Malta, f'Ħal Safi, kif ukoll fil-Munxar Għawdex. Ta' min isemmi li l-Katidral tal-Imdina hu ddedikat lil Appostlu tal-Ġnus. F'din il-kitba se nsemmi postijiet li għandhom rabta ma' dan il-qaddis.

### Il-Knisja tal-Ħuġġieġa

Jidher li l-Maltin qatt ma nsew il-każ tal-lifgħa li ħarġet minn ġol-ħuġġieġa li qabbdulhom biex jisħnu. Tant li mill-ewwel dan il-post sar post ta' qima. Dan sar permezz ta' bini ta' knisja li sal-lum (għalkemm inbniet diversi drabi) baqgħet magħrufa bħala "Tal-Ħuġġieġa" u nsibuha f'post prominenti f'San Pawl il-Baħar.

Ma nafux meta din il-knisja nbniet l-ewwel darba, iżda żgur li hi qadima ħafna u li nbniet mill-ġdid kemm-il darba. Fl-ewwel deskrizzjoni stampata ta' Malta, miktuba minn Jean Quintin u stampata fl-1536, din il-knisja tissemma bħala knisja ta' qima kbira. Fl-1575 il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Dusina żar din il-knisja u kiteb li kienet hi li tat l-isem lill-bajja ta' San Pawl.

Fil-bidu tas-seklu 17 beda jaħkem fuq il-gżejjer tagħna l-Gran Mastru Alof de Wignacourt, diplomatiku kbir u bniedem wisq reliġjuż li kellu devozzjoni personali qawwija lejn San Pawl, anki minħabba l-fatt li San Pawl kien il-patrun tal-lingwa Franċiża tal-Ordni. Fi żmien dan il-Granmastru, il-knisja li oriġinarjament kienet fil-post fejn illum naraw it-torri li jġib ismu, inħattet għal raġunijiet ta' sigurtà, u nbniet fejn narawha llum. Il-knisja l-ġdida tbierket mill-Isqof ta' Malta Baldassare Cagliares fit-3 ta' Mejju 1617.

L-arkitett mhux dokumentat, iżda jagħmel wisq sens li hu l-arkitett tal-Ordni Vittorio Cassar, li bena wkoll it-torri. Il-Fondazzjoni Wignacourt, imwaqqfa fl-1617, ġabet il-konferma uffiċjali mill-Papa fl-1619 fejn ġie wkoll repetut li l-Knisja tan-Nawfraġju tagħmel parti mill-istess fondazzjoni tal-Grotta tar-Rabat. B'xorti ħażina, il-Knisja tan-Nawfraġju ntlaqtet fil-gwerra u ġġarfet. It-tliet kwadri li kienu f'din il-knisja ġew salvati, iżda ġarrbu ħsarat kbar, l-aktar il-kwadru titulari, li fih huma rappreżentati bħala parti mill-folla madwar San Pawl Nawfragu l-istess Gran Mastru Wignacourt u l-pittur qsajjar tal-kwadru. Il-Knisja ġiet mibnija mill-ġdid mill-Gvern.

### San Pawl Milqi u San Ġwann tal-Ħereb

San Luqa jissokta jikteb li f'dawk l-inħawi kien hemm ir-raba' tal-ħakem tal-gżira li kien jismu Publiju u li ma ninsewx kien ċittadin Ruman. Dan laqagħhom u żammhom għandu tlett ijiem.

Tradizzjoni l-aktar qadima tgħid li dan ir-raba' kien f'Burmarrad (jew *Benwarrat*) u fil-Wardija li jiġu sewwa sew fil-viċinanzi ta' San Pawl il-Baħar. Dak iż-żmien f'Malta ma tantx kien hawn bini, u għalhekk San Pawl il-Baħar seta' jiġi milqugħ sewwa.

Din it-tradizzjoni mhux biss taqbel mat-test Bibliku, imma hi mwettqa b'monumenti qodma li minn żminijiet bikrin kienu meqjuma minn missirijietna, u li jikkonsistu f'żewġ knejjes (it-tnejn li huma mibnijin diversi drabi). L-iżjed ħaġa importanti huwa l-fatt li taħt u madwar dawn il-kappelli jinsabu fdalijiet ta' żewġ binjiet kbar ta' żmien ir-Rumani. Tal-ewwel, li tinsab Burmarrad, hi magħrufa bħala **San Pawl Milqi** (li tfisser fejn ġie milqugħ), u l-oħra hija magħrufa bħala **San Ġwann tal-Ħereb.**

Forsi l-iktar kappella magħrufa minn dawn it-tnejn hi dik ta' San Pawl Milqi. Meta fl-1575, Monsinjur Pietro Dusina żar lil din il-knisja, din kienet taqa' taħt il-parroċċa tal-Mellieħa. Hu jgħid li sab knisja ddedikata lil San Pawl tal-*Menchichir* fil-lokal *Tabeigirad*. Il-knisja kellha l-obbligu li l-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl kellha tiġi mfakkra billi jingħata ikel lill-fqar fil-knisja. Din ma kellhiex rettur, introjti, dħul u tiżjin ieħor biex isir il-quddies fiha.

Il-viżitatur appostoliku ordna li ma jsirux ċelebrazzjonijiet ta' quddies qabel jerġa' jsirilha bieb tal-injam u ħwejjeġ oħrajn meħtieġa.

Għalkemm, kif diġà semmejna qabel, minn dejjem kien hemm tradizzjoni li torbot il-post fejn insibu l-knisja llum mal-post fejn Pawlu fejjaq lil missier Publiju, l-ewwel kitba ta' dan l-irbit insibuha fl-atti taż-żjara tal-Isqof Gerolamo Molina, fit-28 ta' Mejju 1879, meta hu żar din il-knisja. Dan jgħidilna li skont it-tradizzjoni hawn iltaqgħu San Pawl u San Publiju u li s-sidien tal-għelieqi tal-qrib kellhom l-obbligu li jħallsu tnax-il skud lill-prokuratur biex jitqaddsu quddisiet fil-festi ta' San Pawl u fil-festi kmandati u l-Ħdud.

Meta fl-1964 ġiet f'Malta l-*Missione Archeologica Italiana* din għamlet tiftix kbir fl-inħawi ta' din il-kappella. It-Taljani ħaffru madwar il-knisja u ġewwa fiha u kixfu kumpless ta' bini li jikkonsisti f'villa tal-kampanja u magħha mpjant kbir għall-għasir taż-żebbuġ u l-għeneb, u xogħol ieħor tar-raba', kif ukoll imkejjen fejn joqogħdu l-ħaddiema. Kumpless kbir ħafna li juri li sidu bilfors li kien għani ħafna. Huwa kkalkulat li dan il-kumpless inbena

xi 40 sena qabel Kristu, u li kien għadu jintuża sas-sena 870 wara Kristu, meta l-Għarab ħadu f'idejhom lil Malta. L-istudjużi jsostnu li din kienet il-villa ta' Publius, u allura kien f'dan il-post fejn laqa' lil Pawlu u lil sħabu li kienu miegħu fuq il-ġifen li nkalja.

### Il-Kappella ta' San Pawl f'Ħ'Attard

F'Ħ'Attard insibu wkoll kappella ddedikata lil San Pawl. Oriġinarjament, fuq l-istess sit fejn tinsab din il-kappella ta' San Pawl illum, kien hemm oħra ddedikata lil Marija Assunta. Din tal-aħħar, kienet inbniet lejn l-1629, u dan skont manuskritt iffirmat mis-saċerdot Gio. Batta Sammut. Dan il-manuskritt f'għamla ta' fuljett, għandu miktub fih deskrizzjoni tal-oriġini tar-raħal ta' Ħ'Attard u tal-knisja tiegħu.

Gio. Batta Sammut, hawn fuq imsemmi, kiseb parti mit-tagħrif mingħand ċertu Padre Pelagio u jsemmi xi dokumenti antiki oħra li hu qassar f'kitbietu. Iżda, wara li l-Isqof Alpheran de Bussan kien ipprofana l-ewwel knisja, din twaqqgħet u minflokha nbniet il-kappella li hemm illum, iddedikata lil San Pawl Nawfragu. Skont dokumenti oriġinali, l-ewwel spejjeż għat-tqattigħ tal-blat u l-bini tal-pedamenti tal-kappella ddedikata lil San Pawl, huma reġistrati f'Diċembru tal-1728, filwaqt li x-xogħol fuq din il-kappella ntemm fl-1729. Ta' min jgħid li l-ispejjeż għall-bini ta' din il-kappella kienu laħqu 205 skudi, 8 tarì u 6 grani.

It-titular tal-kappella juri lil San Pawl Nawfragu li flimkien miegħu hemm meqjuma San Publiju u San Franġisk ta' Paola. Skont dokumenti misjuba, jissemmew ħlasijiet mgħoddija lill-pittur li wettaq din il-biċċa xogħol, is-Sur Arrigo Ornace (l-isem kif jinqara fid-dokumenti oriġinali), li huwa misjub ukoll bħala Enrico Regnaud. Flimkien mat-titular hemm erba' pitturi oħra tal-erba' Evanġelisti li huma attribwiti lil Francesco Zahra u li llum jinsabu fis-sagristija tal-parroċċa. It-titular kien miżmum fil-Mużew tal-Parroċċa, iżda issa jinsab mill-ġdid fil-kappella.

It-titular huwa mdawwar bi gwarniċ skolpit sabiħ ħafna, fejn hemm żewġ puttini (anġli) jżommu midaljun tond li kien iħaddan pittura żgħira. Fil-ġnieb tal-kwadru hemm jixxebilku weraq tar-rand li jaqbżu nofsu. Fil-kappella nsibu altar wieħed tal-ġebel, bl-iskannell tal-injam li huwa mżejjen bil-fjuri minquxa fih.

Il-Kappella kienet ġiet restawrata ftit tas-snin ilu u hi tintuża minn żmien għal żmien fejn fiha jsir xi quddies, kif ukoll xi attivitajiet reliġjużi u kulturali.

Postijiet oħra li għandhom isimhom marbut ma' San Pawl huma l-Pwales fl-inħawi tax-Xemxija. Ninnutaw li l-bajja u l-wied fertili tal-Pwales huma msemmija għal din il-miġja ta' San Pawl fostna. Jingħad, għalkemm mhux b'ċertezza, li bosta qabdu l-art minn din il-bajja. Qrib San Pawl il-Baħar, insibu post magħruf bħala Għajn Rażul. Skont it-tradizzjoni, wara li San Pawl u n-nawfragi l-oħra salvaw mill-għarqa qabadhom l-għatx u Pawlu ħabbat il-bastun tiegħu mal-blat u minnu ħarġet nixxiegħa tal-ilma. Minn hawn xorbu Pawlu u sħabu wara n-nawfraġju. Sal-1930 dan l-ilma kien għadu jintuża għax-xorb. Illum, din l-għajn ġiet irrestawrata forma ta' funtana.

Għal iktar informazzjoni fuq knejjes żgħar u kappelli ddedikati lil San Pawl żuru s-sit www.kappellimaltin.com.

**Brian Green**

***Funeral Undertaker***

**Day & Night Service**

*Office:* 167, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

*Res:* "Rustica", Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508
"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791

Mobile: 9949 7959, 9949 4880